Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,689, 17 ta' Diċembru, 2010
Taqsima B

A.L. 524 tal-2010

ATT DWAR IT-TAXXA FUQ IL-VALUR MIŻJUD (KAP. 406)

Regolamenti tal-2010 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Eżenzjoni minn Reġistrazzjoni)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 13(7) u 75 tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2010 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Eżenzjoni minn Reġistrazzjoni).

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2011.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

Kap. 406.

"l-Att" tfisser l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud;

"*threshold* ta' reġistrazzjoni" tfisser valur tal-bejgħ li ma jkunx iżjed minn sebat elef euro (€7,000) fiż-żmien rilevanti;

"valur tal-bejgħ" għandha l-istess tifsira mogħtija lilha fit-Taqsima Wieħed tas-Sitt Skeda tal-Att; u

"żmien rilevanti" tfisser sena kalendarja li tibda' fl-1 ta' Jannar u tintemm fil-31 ta' Diċembru.

(2) Kliem u frażijiet oħra għandu jkollhom l-istess tifsira mogħtija lilhom fl-Att.

Eżenzjoni minn reġistrazzjoni taħt l-Att.

3. (1) Il-Kummissarju m'għandux jirreġistra, taħt l-artikolu 11 tal-Att, kull persuna taxxabbli stabbilita f'Malta li ma tkunx reġistrata taħt l-artikolu 10 tal-Att u li l-valur tal-bejgħ tagħha ma jaqbiżx it-*threshold* ta' reġistrazzjoni.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet tas-subregolament (1), kull persuna taxxabbli stabbilita f'Malta, tista' tagħżel li tirreġistra taħt l-artikolu 10 tal-Att.

Thassir ta' reġistrazzjoni ta' persuni mill-artikolu 11.

4. Il-Kummissarju għandu, mid-data tal-bidu fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, jieħu miżuri sabiex iħassar ir-reġistrazzjoni ta' persuni taxxabbli, reġistrati taħt l-artikolu 11 tal-Att, li l-valur tal-bejgħ tagħhom matul iż-żmien rilevanti ma jaqbiżx it-*threshold* ta' reġistrazzjoni.

Ħelsien mill-obbligu li tinħareġ riċevuta fiskali.

5. Kull persuna li ma tkunx reġistrata bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti tkun meħlusa mill-obbligu li toħroġ riċevuta fiskali fir-rigward tal-provvisti li tagħmel.

Obbligu ta' reġistrazzjoni għal persuni li ma jikkwalifikawx.

6. Meta l-valur tal-bejgħ ta' persuna taxxabbli li mhix reġistrata bis-saħħa ta' dawn ir-regolamenti jaqbeż it-*threshold* ta' reġistrazzjoni fiż-żmien rilevanti, dik il-persuna għandha tapplika biex tkun reġistrata taħt l-artikoli 10 jew 11 tal-Att, skont il-każ, fi żmien tletin jum mid-data ta' meta t-*threshold* ta' reġistrazzjoni jinqabeż:

Iżda, meta persuna tonqos milli tapplika għar-reġistrazzjoni kif meħtieġ taħt dawn ir-regolamenti, dik il-persuna tiġi soġġetta għas-sanzjonijiet kollha li jipprovdi l-Att.

Reġistrazzjoni mill-Kummissarju.

7. Meta l-Kummissarju jkollu għaliex jaħseb li xi persuna ma għadhiex eliġibbli skont id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jew meta dik il-persuna tonqos milli tiġġustifika li l-valur tal-bejgħ tagħha huwa taħt it-*threshold* ta' reġistrazzjoni, il-Kummissarju għandu jirreġistra lil dik il-persuna taħt l-artikolu 10(6) tal-Att.

Disposizzjonijiet li japplikaw.

8. Dawn ir-regolamenti huma mingħajr preġudizzji għad-disposizzjonijiet tal-Att, li għandhom jibqgħu fis-seħħ fejn huma applikabbli.

Thassir tal-Avviż Legali 500 tal-2010.

9. Ir-Regolamenti tal-2010 dwar Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Eżenzjoni minn Reġistrazzjoni), ippubblikati bl-Avviż Legali 500 tal-2010 huma b'dawn imħassra.